**31 ta' Ottubru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Mary Xuereb

*versus*

Nutar Emmanuele Agius

**Danni — Nutar — Preskrizzjoni — Art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni bijennali li tolqot l-azzjoni għad-danni akwilljani hija applikabbli għad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens ċivili u kważi-delitti; u tibda tiddekorri mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderivaw id-danni, u mhux minn meta l-parti leża tiġi taf bih.*

*U sabiex tavvera ruħha din il-kolpa extra-kontrattwali, jeħtieġ li l-vjolazzjoni ma jkollha ebda rapport dirett ma' kuntratt pre-eżistenti.*

*Għaldaqstant, jekk nutar jassumi nkarigu, u jagħti parir li jkun konness u jkollu rapport dirett ma' dak l-inkarigu, il-ħtija li fiha huwa jinkorri minħabba dan il-parir, jekk ikun hemm din il-ħtija, hija ħtija kontrattwali; u dwar din il-ħtija mhix applikabbli l-imsemmija preskrizzjoni bijennali.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-konvenut, imqabbad bħala nutar mill-awtur tal-attriċi biex jagħmel l-att tas-subkonċessjoni enfitewtika lil Giuseppe Micallef tal-mezzanin numru 20 Mensija Street, San Giljan, għall-perijodu rimanenti ta' 42 sena, kien taħ il-parir u ssuġġerielu li jitniżżel, kif effettivament niżżel, fil-kuntratt relattiv publikat fis-7 ta' Marzu 1946, li dak il-perijodu rimanenti kien ta' 55 sena, bl-aġġunta tal-kelma "ċirka", iżda mingħajr ma jagħmel ebda limitazzjoni fil-patt tal-garanzija mwegħda lill-konċessjonarju; u billi, kif jirriżulta mill-kawża flismijiet "Giuseppe Micallef versus Elena Grech et.", deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Ġunju 1958, l-attriċi nomine ġiet dikjarata responsabbli tad-danni lejn Micallef talli dak it-terminu residwali dikjarat ta' 55 sena kien fil-fatt biss ta' 42 sena, u konsegwentement bejn danni u spejjeż ġudizzjarji l-attriċi sofriet l-ispiża ta' £169.8.9 (dok. A u B); talbet li l-konvenut, prevja jekk hemm bżonn id-dikjarazzjoni li fir-redazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi ta' konċessjoni enfitewtika publikat fis-7 ta' Marzu 1946 huwa rrenda ruħu ħati, u kwindi responsabbli versu l-attriċi nomine, ta' żball grossolan u ta' nuqqas lampanti tad-diliġenza, attenzjoni u kapaċità mistennija fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu notarili, jiġi kundannat iħallas lill-istess attriċi, in linea ta' danni, l-imsemmija somma ta' £169.8.9, bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali interpellatoria. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-imsemmija ittra uffiċjali tal-15 ta' Lulju 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li, insegwitu għall-kawża ċivili "Micallef vs. Elena armla Grech et." fuq imsemmija, l-attriċi odjerna ġiet kundannata għad-danni, barra mill-ispejjeż li sofriet fil-kawża msemmija, ammontanti għal £169.8.9; liema l-aħħar somma hija qegħdha tirreklama mill-konvenut, bħala li fil-kwalità tiegħu ta' nutar publiku tirritjeni li huwa responsabbli għalihom inkwantu waqa' fi żball grossolan u f'nuqqas lampanti ta' diliġenza, diżattenzjoni u inkapaċità fir-redazzjoni tal-att tas-7 ta' Marzu 1946, fejn l-awtur tal-attriċi kien ikkonċeda in subenfitewsi temporanea fuq suġġeriment tal-konvenut għal ċirka 55 *sena li qallu li kien fadal mill-oriġinarja enfitewsi lil* Giuseppe Micallef. mentri fil-fatt irriżulta fil-kawża l-oħra li kien għad fadal żmien ta' 42 sena biss sabiex tispira u tagħlaq dik l-istess enfitewsi;

Ikkunsidrat;

Illi għat-talba attriċi l-konvenut oppona l-preskrizzjoni bijennali kontemplata u maħsuba fl-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi skond il-ġurisprudenza tagħna, l-artikolu nvokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw danni derivanti minn ħtija jew "culpa" extra-kontrattwali. jew. kif tissejjaħ komunement, "Culpa Aquiliana". Fi kliem ieħor, hija applikabbli għad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens ċivili u kważi-delitti (ara Appell "J. Camilleri vs. Dr. Frendo". 22 ta' Frar 1889; Vol. XII. paġ. 144; Kummerċ "Calafato vs. Muscat", 5 ta' Frar 1893; Vol. XV. paġ. 44; P.A. Ċivili "Similiana vs. Fenech", 14 ta' Frar 1900. Vol. XVII. p. 180; Appell "Scicluna vs. Trany", 22 ta' Ġunju 1900. Vol. XVI, P.I. paġ. 151; Kummerċ "Attard vs. Zerafa", 24 ta' April 1906, Vol. XIX-III-106; Appell "Dr. Buhagiar vs. De Nicola". 30 ta' Jannar 1911, Vol. XXI-I-529; Appell "Dr. Galea Naudi vs. Zammit", 9 ta' Marzu 1925, Vol. XXVI-I-54; P.A. Ċivili "Vella vs. Fenech",

7 ta' Diċembru 1927, Vol. XXVI-II-515; Appell "Tonna vs. Smith", 7 ta' Novembru 1932, Vol. XXVIIII-I-726; u oħrajn);

Illi jingħad ukoll li tant id-dottrina kemm il-ġurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih (ara Appell 30 ta' Mejju 1952, "Carmelo Micallef vs. Brigadier John Belle McCance", Vol. XXXVI-I-133; Appell 22 ta' Ġunju 1900, "Scicluna nomine vs. Trany nomine et." fuq ċitata; Kummerċ 31 ta' Jannar 1935, "Michele Mifsud vs. Eugenia Buhagiar," Vol. XXIX-III-92; Pugliese, Parte II, La Prescrizione Estintiva, para. 63; Laurent, Dto. Civile, Vol. XXXII, para. 15; Baudry, Vol. XXVIII, Prescrizione, para. 380);

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit dak li fuq ġie premess dwar il-prekrizzjoni kontemplata fl-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili, din il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina jekk il-ħtija attribwita lill-konvenut hijiex kontrattwali jew extra-kontrattwali; l-għaliex, kif jista' jidher ċar, fil-każ ta' din l-aħħar ħtija msemmija biss ikollha operazzjoni u effikaċja l-preskrizzjoni eċċepita;

Illi, sabiex tavvera ruħha l-kolpa extra-kontrattwali huwa meħtieġ li l-vjolazzjoni ma jkollhiex ebda rapport dirett mal-kuntratt pre-eżistenti. Ir-raġuni ta' dan il-prinċipju tinsab bażata fil-fatt li anki f'każ ta' kuntratt, jekk il-ġudizzju dwar jekk il-ħtija ta' wieħed mill-kontraenti tistax jew le tiġi addebitata lil xi wieħed minnhom għar-raġuni tal-kuntratt jew tad-delitt jew kważi-delitt, jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ;

Ikkunsidrat;

Illi premess dan li ntqal fuq ir-rapport ġuridiku bejn l-attur u l-konvenut meta sar l-att in kwistjoni, li kien ġie kwerelat, jingħad:—

1. Illi Giuseppe Xuereb kien inkariga lill-konvenut fil-kwalità tiegħu professjonali (ara fol. 37 tergo u fol. 38 tergo tal-proċess tal-Appell, fejn rispettivament Xuereb u l-konvenut jammettu u jaffermaw dan il-fatt, u fol. 19 tergo ta' dan il-proċess);

2. Illi Giuseppe Xuereb (fol. 18 tergo, erroneament imsemmi Giuseppe Grech), li kien mejjet meta saret il-kawża li spiċċat l-appell, qal mill-ewwel lin-nutar li l-fond li kien sejjer jinbiegħ kien suġġett għaċ-ċens li fadal minn 40 jew 43 sena, kif jammetti l-istess konvenut;

3. Illi kien l-istess nutar li ta l-parir li f'lok 40 jew 43 sena jitniżżlu "55 ċirka", kif huwa stess jammetti (fol. 17 tergo tal-proċess tal-appell), għax hekk kien għamel f'kuntratt ieħor ta' trasferiment tal-istess fond qabel, fejn ma sarux riċerki (fol. 21 ta' dan il-proċess, depożizzjoni tal-konvenut);

Illi minn dan jitnissel li l-parir li ta l-konvenut kien konness u kellu rapport dirett mal-inkarigu li huwa kellu, u kwindi, jekk kien "in colpa", din l-istess ħtija tiegħu kienet kontrattwali, għaliex meta nkarigah l-attur, kif huwa stess ammetta, mill-ewwel qallu li l-utili dominju in vendita kien għad baqagħlu 40 jew 43 sena biex jagħlaq, u huwa li ma kienx għamel riċerki, ma kellu qatt jagħti dak il-parir, meta l-inkarigu tiegħu kien espliċitu għaż-żmien, u l-parir tiegħu kien bażat fuq żmien kontemplat f'kuntratt ieħor fejn huwa kien jaf li ma sarux riċerki;

Illi argument ieħor li juri li l-parir mogħti mill-konvenut kien konness mal-inkarigu tiegħu huwa l-ammissjoni tal-konvenut magħmula fid-diversi depożizzjonijiet tiegħu f'dan u l-proċess l-ieħor, li kien aħjar għall-kumpratur li jsir żmien aktar, u li minn daqshekk il-venditur bil-kelma "ċirka" ma kienx sejjer isofri ħsara;

Illi kwindi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bijennali, opposta mill-konvenut, ma tistax tiġi akkolta bil-favur, l-għaliex mhix applikabbli għall-każ in diżamina;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bijennali eċċepita, bl-ispejjeż għall-konvenut.